MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 50/2008

**Mobisle Communications Limited**
**(C 24655)**

**Vs**

**Grima Carmen**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob il-hlas tas-somma t'erba' mija u disgha u disghin euro u hamsa u sittin centezmi (€499.65c) – (LM214.50) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta skond Client Contract Number 1012802 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Marzu 2007 u Lulju 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma t'erba' mija u disgha u disghin euro u hamsa u sittin centezmi (€499.65c) – (LM214.50), bl-imghax dekoribbli mit-30 ta' Ottubru 2007 (id-data ta' l-ittra ufficjali) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba, huma a karigu tal-konvenuta.

Av. Dr. Gabriella Vella
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------